# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Tnejn, 19 ta' Novembru, 2001**

**Numru 39**

**Citaz. numru 271/93 GV**

**Catherine mart Joseph Galea gja divorzjata minn Dean Vincent Sinclair**

**vs**

**Milica Micovic bhla Direttrici ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' "B. Tagliaferro & Sons Ltd."**

**Il-Qorti;**

**<u>L-att tac-citazzjoni</u>**

L-attrici pprocediet kontra s-socjeta' konvenuta b'dan l-att tac-citazzjoni:-

> "L-attrici ppremettiet illi b'konvenju tal-25 ta' Frar, 1991 (Dok. X) li l-validita tieghu giet estiza ghall-31 ta' Marzu, 1993 is-socjeta' konvenuta ppromettiet u obbligat ruhha li tbiegh u titrasferixxi lil Albert Vella li bl-istess titolu pprometta u obbliga ruhu li jixtri u jakkwista l-utile dominium temporaneum ghaz-zmien li fadal minnn mija u hamsin sena li bdew fl-1 ta' Jannar, 1935 tal-flat fit-tieni pjan immarkat internament bin-Numru 1 f'Numru 17, Mid-

Day Sun Buildings, Locker Street, Sliema, flimkien ma' terz indiviz mill-partijiet komuni tal-blokk ta' flats li minnnhom l-imsemmi flat jifforma parti kif soggetta din il-proprjeta' ghac-cens annwali ta' ghaxar liri (Lm10) fil-prezz ta' Lm7.500 pagabbli kif skond l-istess konvenju; illi skond il-klawsola (7) tal-imsemmi konvenju l-imsemmi Albert Vella kellu d-dritt li jittrasferixxi d-drittijiet kollha tieghu lill-attrici; peress li l-konvennta nomine qeghda tirrifjuta li tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali;

L-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenuta biex tidher ghall-pubblikazzjoni tal-att necessarju ghat-trasferiment favur l-attrici b'titolu ta' vendita' tal-utile dominium temporanuem tal-flat numru 1 minn numru 17, Mid-Day Sun Buildings, Locker Street, Sliema, bil-prezz ta' u taht il-pattijiet u kondizzjonijiet stipulati fil-konvenju tal-25 ta' Frar, 1991 kif prorogat;

2. jigi nominat nutar biex jippubblika u jircevi l-atti ta' trasferiment relativ u kuraturi biex jirraprezentaw il-kontumaci u jigu fissati l-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt.

Bl-ispejjez dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar, 199 kontra l-konvenuta."

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenuta nomine hekk eccepiet:-

"Illi ghalkemm hija bhala direttrici tal-fuq imsemmija socjeta' tirrapresenta wahedha fatti gudizzjarji fis-socjeta' konvenuta, ikun utili ghall-andament tal-kawzali jigi kjamat Fr. Philip Attard Monalto flimkien maghha in rappresentanza tal-istess socjeta.

Illi inoltre billi n-negozjati dwar l-imsemmi konvenju gew kondotti mill-istess Philip Attard Montalto u ghalhekk huwa ghandu jirrispondi ghal danni li tista' ssofri l-istess socjeta' bhala rizultat ta' dan il-konvenju hemm il-htiega li l-istess Philip Attard Montalto jigi imsejjah fil-kawza f'ismu personalment.

Illi fil-fatt is-socjeta' konvenuta mhiex obbligata tghaddi ghall-bejgh tal-fond in kwistjoni kif mitlub, u dan billi t-tigdid tal-konvenju ma kienx wiehed regolari u ma giex iffirmat minn zewg

diretturi tas-socjeta' kif rikjest mill-Articles u Memorandum tal-istess socjeta';

Ghalhekk dak il-konvenju skada minghajr ma gie renovat u ma jistax jigi issa enforzat.

Illi inoltre Philip Attard Montalto ma kienx awtorizzat mis-socjeta' konvenuta biex jiffirma l-istenzjoni tal-konvenju minnu iffirmat."

**Decide**

B'sentenza tat-13 ta' Novembru, 1995 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet attrici u in vista tac-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez kellhom jibqghu minghajr taxxa.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"KONTESTAZZJONI

L-attrici, li kienet akkwistat minghand missierha Albert Vella d-drittijiet u obbligi naxxenti mill-konvenju datat 25 ta' Frar 1991 (ara dokumenti a fol 6 u 97) qed titlob li l-konvenuta bhala l-parti l-ohra f'dana l-konvenju biex tidher ghall-pubblikazzjoni tal-att ta' trasferiment tal-utile dominium temporanju tal-flat No. 1, Locker Street, Sliema.

Il-konvenuta da parti taghha qed teccepixxi li l-konvenju ma jistax jigi enforzat ghax kien skada billi t-tigdid ma giex iffirmat minn zewg diretturi tas-socjeta' kif rikjest mill-Articles u l-Memorandum tas-socjeta' (fol 134); Dr. Philip Attard Montaldo ma kienx awtorizzat mis-socjeta' konvenuta biex jiffirma wahdu ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.

KONSIDERAZZJONIJIET

Dr. Attard Montaldo xehed illi hu kien awtorizzat mill-Board of Directors biex igedded il-konvenju fil-laqgha tat-18 ta' Novembru 1992 u kellu struzzjonijiet mill-Board tas-socjeta' biex jaghti c-cheque ta' Lm3,000 bhala auditor's fees lil Vella u jgibu lura

endorsjat minn Vella biex iservi bala depozitu fuq il-bejgh tal-flat. Il-konvenuta stess kienet iffirmat dana c-cheque. Hu qal li skond il-minuti ta' dik is-seduta (fol 55) il-post in kwistjoni kien qieghed minn dawk li kienu ftehmu li jbieghu. Dakinhar stess, hu kien mar ma' Anthony Sant Fournier, sabu lil Albert Vella u tawh ic-cheque u dana endorsjah u tahulhom lura bhala deposit fuq il-flat. Hu kien awtorizzat verbalment mill-Board biex igedded il-konvenju.

Il-konvenuta, korroborata minn Charles Sant Fournier spjegat li hi kienet iffirmat il-konvenju originali ma' Attard Montaldo u Vella, izda ma kenitx taf u lanqas kienet giet infurmata li l-konvenju kien se jiskadi f'Gunju u li kien gie mgedded f'Gunju 1991 minn Attard Montaldo wahdu. Lanqas ma kienet taf biz-zidiet fil-konvenju. Kien biss f'Novembru 1992 li Attard Montaldo f'Board Meetig infurmahom li kien hemm bzonn li l-konvenju jerga' jiggedded u ssuggerixxa li t-Lm3000 jinghataw lil Vella u jitqieghdu bhala deposit fuq il-flat.

Il-konvenuta qed issostni li f'dak il-meeting huma kienu biss iddiskutew dawna l-punti bla ma hadu decizjoni. Hi u Charles Sant Fournier riedu jahsbuha billi ma kienx fl-interess tal-kumpanija li l-konvenju jerga' jiggedded billi l-affarijiet kienu qed jitwalu. Huma ma kienux awtorizzaw lil Dr. Attard Montaldo igedded il-konvenju u lanqas li jhallas lil Vella it-Lm3000 biex jigu endorsed bhala deposit fq il-bejgh. Hija kienet iffirmat ic-cheque bhala fee dovuta lil Vella ghax-xoghol tieghu bhala awditur biss.

L-ghada hija nfurmat lil Attard Montaldo li ma riedux igeddu u meta Attard Montaldo qalilha li kien ta c-cheque lil Vella u dana endorsjah, huma ghamlu stop payment u pprotestaw ma' Attard Montaldo li hu ma setghax igedded dak il-konvenju.

L-attrici qed targumenta li skond il-minuti tal-laqgha tat-18 ta' Novembru, 1992 il-bejgh tal-flat in kwistjoni kien gie approvat mid-diretturi kollha inkluza l-konvenuta u ghalhekk ma kienx hemm oggezzjoni (fol 55). Izda kif spjegat il-konvenuta dana ma jfissirx li Attard Montaldo kien awtorizzat biex igedded wahdu l-konvenju minghajr il-firma tad-Direttur l-iehor. Dana apparti li l-konvenuta qed issostni li hija kienet oggezzjonat u m'accettatx il-minuti li ghalihom ghamlet riferenza l-attrici stante li ma kienux jirriflettu dak li sar fil-laqgha.

Ghalkemm Attard Montaldo ighid li l-konvenuta qatt ma oggezzjonat li jsir il-kuntratt wara li l-konvenju kien gie estiz diversi drabi, mill-provi (ara xhieda Charles Sant Fournier) u dokumenti ezibiti, jirrizulta li wara l-laqgha tat-18 ta' Novembru, 1992 u l-avenimenti ta' wara, l-konvenuta u Charles Sant Fournier kienu qed joggezzjonaw kontinwament ghall-bejgh tal-

flat f'dak l-istadju meta saru jafu kif saru l-affarijiet. Huma bdew joggezzjonaw meta saru jafu bl-estenzjoni li saret ad insaputa taghhom u dana ghamluh formalment fis-sede proprja.

Attard Montaldo qed jissottometti li hu kien awtorizzat mill-Bord tad-Diretturi unanimament biex igedded il-konvenju u jaghti l-Lm3000 lil Vella. Dana hu michud minn zewg diretturi. Minn-minuti esibiti ma jirrizulta li kien hemm ebda risoluzzjoni li tawtorizza lil Attard Montaldo la li jestendi l-konvenju u lanqas li jidher wahdu. Inoltre l-kwistjoni tat-Lm3000 ma tissemmiex. F'dawn ic-cirkostanzi u mic-cahda da parti tal-konvenuta korroborata minn Charles Sant Fournier il-Qorti ma tistax tikkonkludi li Attard Montaldo pprova li kellu awtorizazzjoni verbali mid-diretturi kollha.

**Buona Fede**

L-attrici rriferit ghal buona fede tal-awtur tal-attrici rigwardanti dana l-konvenju. Hi rriferit ghad-dottrina Ingliza li tghid li:- "If the outsider is dealing with the company in good faith he will be able to enforce any contract made by an agent on the company's behalf if that agent was acting within his authority, irrespective of any internal or external irregularities in the company's machinery. An agent may bind his principal if he has acted within his actual, implied or apparent authority."

Il-Qorti tirrileva li Vella bhal awditur tas-socjeta' konvenuta kien jaf fid-dettal dwar l-arrangamenti li kien hemm fis-socjeta' ghar-rappresentanza taghha. Fil-fatt il-konvenju originali kien gie ffirmat minn Attard Montaldo u mill-konvenuta.

Dwar ir-riferenza li l-attrici ghamlet ghad-Doctrine of Ostensible Authority u ghall-kaz Freeman & Lockyer vs Buckhurst Park Properties (Magal) Ltd (1964) il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal kaz Hely-Hutchinson vs Brayhead Ltd. (1968) fejn inghad li "the question if implication does not stop there and authority may be implied from the conduct of the parties and the circumstances of the case." Inoltre r-regola tal-implied or apparent authority ma tapplikax "when the outsider knows of the irregularity or lack of actual authority u where there are suspicious circumstances putting the outsider on inquiry." Howard vs Patent Ivory Manufacturing Co.

F'dan il-kaz jirrizulta li kemm Vella kif ukoll Attard Montaldo kienu jafu dwar ir-rappresentanza tas-socjeta' konvenuta u li kien hemm bzonn tal-firma ta' zewg diretturi.

Ghalkemm in-Nutar Tonio Spiteri xhed li l-konvenji tas-socjeta' konvenuta kien jaghmilhom Attard Montaldo u kien jiffirma wahdu, hu ma setghax ighid jekk fil-fatt kienx hemm resoluzzjoni jew awtorizzazzjoni biex hu jaghmel hekk.

KONKLUZJONI

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenju in kwistjoni kien skada billi ma kienx gie imgedded validament, u konsegwentement l-attrici ma tistax titlob li jigi enforzat."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti sejra qabel xejn tirrintracca l-punt saljenti ta' l-aggravju ta' l-appellanti:-

1. L-Ewwel Qorti bbazat ir-ragunament taghha fuq zewg punti principali u cioe' illi Albert Vella,li huwa l-awditur tas-socjeta' konvenuta,kien jaf jew ahjar kien messu jaf illi kuntratti li jivvinkolaw lis-socjeta' mat-terzi kellhom jigu ffirmati minn zewg diretturi u li ghalkemm mill-minuti tas-socjeta' jirrizulta illi kellu jsir il-bejgh in kwistjoni, din l-awtorizazzjoni ma tintitolax lil Philip Attard Montalto li jiffirma wahdu.

2. Li waqt li kien minnu li Albert Vella, l-awditur tas-socjeta', kien konxju tal-Memorandum u ta' l-Articles of Association tas-socjeta', huwa veru wkoll illi l-awditur ma kienx f'posizzjoni li jikkontrolla kull operazzjoni tas-socjeta' billi jezamina l-minuti ta' l-istess socjeta' kull meta din taghmel xi negozju matul is-sena.

3. Mill-minuti u partikolarment mill-minuta tas-seduta tat-18 ta' Novembru 1992 jirrizulta li l-bejgh tal-flat kien gie approvat mid-diretturi kollha inkluza l-konvenuta u ma kienx hemm oggezzjoni ghal dan.

4. Kienet zbaljata l-osservazzjoni tal-Qorti illi din l-approvazzjoni ma kenitx tfisser illi seta' jidher direttur wiehed biss fuq il-kuntratt. Argument dan zbaljat peress li fuq il-kuntratti li saru qabel, kif anke jirrizulta mix-xhieda tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, l-Avukat Attard Montalto kien jidher wahdu fuq il-kuntratti u dana b'konoxxenza u approvazzjoni tad-diretturi kollha, inkluza l-konvenuta, li qatt ma rregistrat xi oppozizzjoni dwar dan.

5. F'dawn ic-cirkostanzi, wiehed ma setghax jghid allura illi l-attrici tramite missierha setghet kienet taf li Dottor Attard Montalto ma setghax jiffirma wahdu l-estensjoni tal-konvenju in kwistjoni.

6. L-appellanti taghmel riferenza ghas-sentenza Ingliza citata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma taghha kienet issahhah u mhux tindebolixxi s-sottomissjoni taghha. Infatti ma jirrizulta minn imkien illi l-appellanti kienet taf b'dik imsejha "irregularity or lack of actual authority". Certament ma kien hemm l-ebda hjiel ta' "suspicous circumstances putting the outsider on inquiry". Hekk allura u cioe' ghall-attrici, kollox kien jidher li sar b'mod regolari u jekk kien hemm xi irregolarita', din qatt ma giet irregistrata fil-minuti kif wiehed kien jistenna li jsir minn min, bhall-appellata Micovic, kien qieghed jopponi ghall-estensjoni.

7. L-ahjar prova li l-appellanti approvat l-estensjoni tal-konvenju tirrizulta mill-fatt illi meta saret l-ahhar estensjoni, hi tramite missierha kienet hallset lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' Lm3,000 bhala depozitu u akkont tal-prezz b'cheque datat 2 ta' Novembru 1992 li gie mahrug mill-istess socjeta' konvenuta bhala pagament tad-drittijiet professjonali dovuti lil missierha liema cheque gie ffirmat minn Philip Attard Montalto u Charles Sant Fournier u gie bhala fatt girat favur l-istess socjeta' u imsarraf minnha. Jekk kienet tirrizulta xi mala fede allura, din kienet da parti ta' l-appellata li qed tirrifjuta li tonora kuntratt legalmenn finalizzat u mhux da parti ta' l-appellant.

Is-socjeta' konvenuta appellata tghid li l-attrici ma setghetx ma kenitx taf illi kienu mehtiega zewg firem taz-zewg diretturi taz-zewg klassijiet ta' ishma fis-socjeta' biex il-kuntratt taht ezami ikun validu. Jekk xejn ghax missierha Albert Vella bhala awditur tas-socjeta', bilfors kien konxju tar-rekwiziti fil-Memorandum u Articles taghha apparti l-fatt illi l-konvenju kien gie originarjament iffirmat minn zewg diretturi, wiehed ta' kull klassi ta' shares. Una volta illi l-konvenuta Milica Micovic kienet permezz ta' ittra registrata, irregistrat il-posizzjoni taghha rigward ir-renova ta' dan il-konvenju, konsegwentement ma jistax jinghad u ma jirrizultax mill-provi li l-avukat Attard Montalto kien jidher fuq ir-renova tal-konvenju bil-konoxxenza u l-approvazzjoni tad-diretturi kollha. Il-konvenuta nomine qed tikkontesta wkoll is-sottomissjoni illi l-kuntratti kollha kienu qeghdin jigu ffirmati biss mill-Avukat Attard Montalto. Issostni invece illi l-kuntratti kienu qeghdin jigu ffirmati kostantament

miz-zewg diretturi. Is-socjeta’ konvenuta ssostni allura l-korrettezza tas-sentenza appellata u nfatti tappella incidentalment minn dik il-parti taghha li ddegretat li l-ispejjez kellhom jibqghu bla taxxa ghaliex fil-fehma taghha ma kien hemm l-ebda cirkostanzi fl-atti tal-kawza li kienu jiggustifikaw il-partizzjoni ta’ l-ispejjez differentement minn dak li normalment isir u cioe’ li l-ispejjez jigu sopportati mis-sokkombenti fil-kawza.

Il-Qorti kellha necessarjament tissottolineja illi l-mertu tal-kawza jirrigwarda konvenju li gie ffirmat fil-25 ta’ Frar, 1991 u li l-validita’ tieghu kienet giet estiza sal-31 ta’ Marzu, 1993. Dan ifisser illi l-ftehim taht ezami kien regolat u regolarabbli bil-ligi li kienet tirregola t-tmexxija tas-socjetajiet anonimi sal-1995 u cioe’ sa qabel il-promulgazzjoni ta’ l-Att XXV ta’ dik is-sena, li in materja ta’ responsabiltajiet, drittijiet u funzjonijiet tad-diretturi introduciet koncetti godda vicini ghal-ligi Ingliza li zviluppat bir-riformi ta’ l-1972 u dawk sussegwenti u aktar radikali ta’ l-1998. Dan qed jinghad ghaliex jidher li r-riferenza li saret mill-kontendenti, u wkoll mill-Ewwel Qorti, ghall-istat ta’ dritt ingliz ftit li xejn ghandhom rilevanza ghall-kaz taht ezami li jidher li ghandu jkun regolat unikament minn kif kienet il-ligi qabel ma gie promulgat l-Att XXV ta’ l-1995.

Gie ritenut infatti fil-kawza fl-ismijiet “Dr. Ian Refalo nomine vs Albert David Boweck et” deciza mill-Prim’Awla fit-18 ta’ Marzu, 1983 illi:- “Id-diretturi ghandhom jitqiesu bhala agenti jew mandatarji tal-kumpanija li

tgawdi personalita' guridika u indipendenti mill-membri li jikkomponuha."

Konsiderazzjoni din li ssegwi t-taghlim tal-kummentaturi dwar il-ligi fuq is-socjetajiet kummercjali f'Malta li rritenew:- "According to law, directors, in their dealings with the company are the mandataries of, and in their internal dealings with third parties are the agents of the company. In the former case the general principles of the law of mandate and in the latter case those of the law of agency would apply." (F. Cremona, The Law on Commercial Partnerships in Malta, p. 108)

Stabbilit li dan kien l-istat ta' dritt li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-partijiet u cioe' bejn id-diretturi tas-socjeta' mill-banda l-wahda u s-socjeta' li kienu jirraprezentaw mill-banda l-ohra, fiz-zmien relevanti, kellu jsib l-applikazzjoni tieghu wkoll l-artikolu 50 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) li jipprovdi "li l-atti kollha maghmulin mir-rapprezentant tal-principal fil-limiti tas-setghat tieghu igibu direttament l-effett taghhom favur jew kontra l-principal".

Isib ukoll applikazzjoni tieghu ghall-kaz taht ezami l-artikolu 52 ta' l-istess Kodici li jipprovdi illi:- "Meta l-ligi trid li att isir bil-miktub, is-setgha moghtija lir-rapprezentant sabiex jaghmel dak l-att, ghandha tinghata bil-miktub." Dan l-artikolu hu fil-fehma tal-Qorti determinanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza taht ezami l-ghaliex una volta l-ligi stess tipprovdi fl-artikolu 1233 tal-Kodici Civili (Kap 16) li konvenju ghall-bejgh

u xiri ta' fond u allura anke estensjoni tal-istess ghandu jsir bil-miktub ad validitatem, dan bil-fors ifisser li l-awtorita' ta' direttur sabiex jidher u jiffirma ghan-nom tal-kumpanija, kellha allura dak iz-zmien tkun ukoll bil-miktub.

Imkien fl-atti ma tirrizulta din l-awtorizazzjoni bil-miktub lill-Avukat Attard Montalto biex jidher fuq il-ftehim ta' l-estensjoni tal-konvenju f'isem is-socjeta' wahdu ghan-nom taz-zewg klassijiet ta' shareholders. Dan ir-rekwizit ad validitatem tal-formalita' tal-kitba hu allura nieqes u kull indagini ulterjuri da parti tal-Qorti biex tittanta tistabilixxi jekk kienx hemm xi forma ta' awtorizazzjoni tacita lill-Avukat Attard Montalto da parti tas-socjeta' biex f'isimha jiffirma l-estensjoni tal-konvenju jew jekk ic-cirkostanzi kienux tali li wiehed kien gustifikat li jippresumi li tali prokura tacita kienet tezisti, ghal kollox superfluwu u rrilevanti.

Fil-kawza fl-ismijiet "Saviour Farrugia vs Carmel sive Charles Grima" deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' April, 1972 gie ribadit li l-artikolu 52 tal-Kap 13 appena citat kien jesigi illi kull meta agent kien qed jigi awtorizzat mill-principal tieghu biex jirrapprezentah fuq att li ghall-ezekuzzjoni tieghu l-ligi kienet tesigi l-forma skritta, il-prokura li tinghata lill-agent, kellha wkoll tkun moghtija lilu bil-miktub.

F'kaz b'mertu analogu fl-ismijiet "Salvatore Schembri et vs Salvatore Gauci et nomine" deciza fil-31 ta' Ottubru, 1983 gie ritenut:-

"Huwa principju fondamentali illi d-diretturi ta' socjeta' huma marbutin bil-Memorandum u Articles of Association ta' l-istess socjeta'. Il-poteri taghhom jitwieldu mill-istess Memorandum u Articles of Association u huma ghandhom id-dover li josservaw ir-restrizzjonijiet kollha li dawn jimponu fuqhom. Kif ighid il-Palmer, Company Law, page 115 (Twentieth Edition): 'The directors of a company are bound by the articles. Their powers are to be derived from the articles and they must observe any restrictions imposed upon them by the latter.' Ghalhekk, Salvatore Gauci li ffirma l-konvenju tas-17 ta' Novembru, 1978, kif ukoll il-prorogi tieghu kellu l-obbligu li josserva l-Memorandum u Articles of Association tas-socjeta' appellanti, fosthom anke l-Artikolu 12 fuq citat li jimponi inter alia l-kondizzjoni li kwalunkwe dokument li jorbot lill-istess socjeta', ghandu jigi ffirmat miz-zewg diretturi tas-socjeta' flimkien. Il-kliem ta' dan l-artikolu huma cari u univoci u ma jaghtu lok ghal ebda interpretazzjoni u ghalhekk tapplika l-massima legali 'ubi nulla ambiguitas verborum est non est facienda voluntatis quaestio'. Ghandu jizdied li l-ebda parti mill-Memorandum u Articles of Association tas-socjeta' appellanti ma jawtorizza lid-diretturi li jiddelegaw il-poteri taghhom u ghalhekk tapplika ghalihom, bhala agenti tas-socjeta', l-massima legali 'delegatus non potest delegare'."

Din il-konsiderazzjoni u konsiderazzjonijiet ohra f'dik is-sentenza appena citata japplikaw mutatis mutandis ghall-mertu ta' din il-kawza. Il-Qorti taghmel ampja riferenza ghalihom ghaliex dawk il-

konsiderazzjonijiet kienu maghmula fid-dawl tal-ligi kif kienet qabel il-promulgazzjoni ta' l-Att XXV ta' l-1995.

Il-ligi kienet allura strettament torbot lid-diretturi biex jagixxu fil-limiti precizi tal-mandat taghhom kif delinejati fl-articles u l-memorandum tas-socjeta' u dana taht piena ta' nullita' ta' l-att minnhom esegwit minghajr debita awtorizazzjoni, bil-miktub fejn dan kien rikjest mil-ligi. Nullita' li ma setghetx tigi sanata lanqas permezz ta' xi ratifika sussegwenti kif donnha qed tippretendi l-appellanti. Ratifika li l-attrici qed tipprova tistabilixxi mill-fatt illi meta saret l-ahhar estensjoni hi kienet, tramite missierha Albert Vella, hallset lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' Lm3,000 bhala depozitu u akkont tal-prezz b'cheque datat 2 ta' Novembru 1992 illi gie mahrug mill-istess socjeta' konvenut bhala pagament tad-drittijiet professjonali ta' Albert Vella.

"Dak li hu null ab ovo - u f'dan il-kaz il-konvenju kien null mill-bidu nett fih innifsu minhabba n-nuqqas tal-firma taz-zewg diretturi - (fil-kaz taht ezami kienu l-estensjonijiet li kienu nulli) u ma jistax jigi sanat b'semplici ratifika. It-tieni nett ir-ratifika trid issir kif jghid il-Palmer, (opra citata pagna 245) "by the company in proper form" u kif ighid il-Gower, ("The Principles of Modern Company Law, Third Edition", pagni 150 et seq.), "by the company acting through its appropriate organ"....... Ma jidhirx li dan gara fil-kaz prezenti........". ("Schembri et vs Gauci et" gja citata)

Il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-kaz li tindaga dwar il-bona fede jew il-mala fede ta' min kien involut fl-estensjoni tal-konvenju. Ser tillimita ruhha

biss biex tosserva illi ma tarax kif jista' Albert Vella, awditur tas-socjeta', ma jkunx konxju tal-htiega li kellu jkun hemm zewg firem ta' zewg diretturi ghall-estensjoni tal-konvenju meta hu certament kien konsapevoli tal-kontenut tal-memorandum u articles tas-socjeta' kif ukoll kien jaf illi l-konvenju kien originarjament gie ffirmat minn zewg diretturi, wiehed in rappresentanza ta' grupp ta' shareholders u l-iehor in rappresentanza tal-grupp l-iehor. Hu wkoll ragonevoli li wiehed jippresumi - u dan hemm ukoll indikazzjoni mill-provi - illi l-awditur tas-socjeta' kien ukoll ben konxju tad-differenzi bejn id-diretturi f'dak li jirrigwarda t-trasferiment ta' proprjeta' tas-socjeta'. Dan kien ukoll b'mod trasparenti minn qari tal-minuti esebiti in atti. Osservazzjonijiet dawn li qed isiru ex abbundantia cautelae mhux ghaliex huma necessarjament mehtiega ghar-risoluzzjoni tal-vertenza.

Din il-Qorti tixtieq ukoll tissottolineja li l-istat ta' ligi li tirregola mertu simili inbidel radikalment bl-Att XXV ta' l-1995. Att li ntroduca fid-dritt nostran b'kuncetti ghal kwantu innovattivi u anke xi ftit ukoll aljeni, minn dawk tradizjonalment rikonoxxuti specjalment fir-rigward ta' l-effett ta' l-operat tad-diretturi fil-konfront ta' terzi li maghhom jinnegozjaw f'isem is-socjeta'.

L-artikolu 137, subinciz (4) ta' l-Att XXV ta' l-1995 jipprovdi illi:-

"Anything done by the board of directors of a company which exceeds the limits of their authority or by any director which is beyond his powers, shall be binding on the company unless that act exceeds the

powers granted to the board of directors or to a director, as the case may be, by virtue of this Act."

Is-subinciz (5) mbaghad jipprovdi illi:-

"Any limitation on the powers of the board of directors or of any director of the company shall not be relied on as against third parties independently of whether that limitation, published or not, arises from the memorandum or articles or from any resolution of the general meeting or from a decision of the board of directors of the company."

Dawn il-provvedimenti iqarrbu lejn id-dottrina moderna Ingliza li ttendi biex taghti kopertura kwazi kompleta lit-terz li jinnegozja ma' rapprezentant tas-socjeta' u jizguraw li s-socjeta' taghmel tajjeb ghall-operat tad-diretturi taghha fdati bl-amministrazzjoni taghha kif ukoll ghal min kellu posizzjoni ta' responsabilita' fit-tmexxija taghha.

"What remains a problem is the situation where a third party deals with an individual director whose authority to act on behalf of the company is disputed ................ For a third party to be able to hold the company to a transaction where he has dealt not with the board but with an individual director, officer or employee, it will be necessary for the third party to show that the individual with whom he dealt had authority, actual or ostensible, to bind the company in this way. Actual authority may be expressed or implied authority: express, arising from an explicit conferring of authority on a director, perhaps in the articles of

association implied, arising from the position which the individual holds. Ostensible of apparent authority, on the other hand, is the authority of an agent as it appears to others." (Company Law, Farrar's, Third Edition, 1991 page 374 et seq)

"Where the person through whom the third party dealt occupies a position in the company such that it would be usual for an occupant of that position to have authority to bind the company in relation to the transaction concerned, the company will be bound. The third party dealing with the company in good faith will be entitled to assume that that person has authority unless he knows the contrary or knows of facts which would have put a reasonable person on inquiry. Thus if the person acting for the company is its chief executive or managing director, then, despite the fact that the Act refuses to treat him as an organ of the company equivalent to the board of directors unless there are suspicous circumstances, or the transaction is of such magnitute as to imply the need for board approval, he may safely be assumed to be authorised. In practice, he will probably have actual authority but, even if he has not, he will have ostensible authority and his acts will bind the company." ("Freeman & Lockyer vs Buckhurst Park Properties Limited" [1964]; Gower's Principles of Modern Company Law, Sixth Edition, 1997, pg. 201 et seq)

Jigi notat illi kif zviluppaw il-ligi u d-dottrina Ingliza li kjarament ispiraw l-Att XXV ta' l-1995, l-element tal-bona fede fit-terz jibqa' determinanti.

Bona fede li trid tigi naturalment valutata qabel xejn fuq il-konoxxenza da parti tat-terz tac-cirkostanzi li kienu jew setghu kienu rilevanti biex jiddeterminaw l-awtorita' li bis-sahha taghha ufficjal ta' kumpanija, f'dan il-kaz l-Avukat Philip Attard Montalto, kien qed jassumi biex jirraprezenta s-socjeta'. Il-konoxxenza ta' dawn ic-cirkostanzi da parti ta' Albert Vella ma setghax jinghad li kienet tali li ma kenitx twassal ghal konvinciment illi kellha tnissel fih id-dubbju ragonevoli li kienet mehtiega l-firma ta' direttur iehor.

L-appell principali qed jigi ghalhekk michud.

**Appell incidentali**

Is-socjeta' konvenuta appellat ukoll mis-sentenza incidentalment limitatament ghall-kap ta' l-ispejjez. Hi ssostni li ma kienux jezistu cirkostanzi li kienu jiggustifikaw li l-ispejjez jibqghu minghajr taxxa. Din il-Qorti ezaminat l-atti processwali fid-dawl ta' dan l-aggravju u ma tarax li huwa l-kaz li ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tar-ripartizzjonni ta' l-ispejjez tal-kawza. Apparti li l-kawza kienet tipprezenta certu diffikulta kienet ukoll, in ultima analizi, bejn membri ta' l-istess familja f'azjenda kummercjali li pero' tamministra l-gid familjari mizmuma in komun. Spiss, allura, f'cirkostanzi bhal dawn ir-rwoli u r-responsabiltajiet fit-tmexxija ta' l-azjenda ma jkunux daqstant cari u linejari.

L-appell incidentali qed jigi ghalhekk michud.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej. Tichad l-appell principali ta' l-attrici bl-ispejjez kontra taghha, tichad l-appell incidentali tal-konvenuta nomine bl-ispejjez kontra taghha. L-ispejjez tal-prima istanza jibqghu kif gja mill-Ewwel Qorti decizi.

Dep/Reg

cb